II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/235

tal-21 ta' Frar 2022

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2016/1686 li jimponi miżuri restrittivi addizzjonali kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1686 tal-20 ta' Settembru 2016 li jimponi miżuri restrittivi addizzjonali kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Settembru 2016, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2016/1686.

(2) Fid-dawl tat-theddida kontinwa ta' ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi assoċjati magħhom, jenħtieġ li jiżdiedu żewġ persuni u żewġ gruppi mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2016/1686.

(3) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2016/1686 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (UE) 2016/1686 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Frar 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

([1]) ĠU L 255, 21.9.2016, p. 1.

ANNESS

L-Anness I għar-Regolament (UE) 2016/1686 huwa emendat kif ġej:

(1) l-intestatura "A. Persuni" hija sostitwita b'dan li ġej:

"A. Persuni fiżiċi msemmija fl-Artikolu 3";

(2) jiżdiedu l-persuni fiżiċi li ġejjin:

"8. Osama MAHMOOD (magħruf ukoll bħala Ustadh Usama Mahmood, Ousama Mahmood); nazzjonalità: Pakistani (preżunt).

9. Sultan Aziz AZAM (magħruf ukoll bħala Aziz Azam, Sultan Aziz, Sultan Azziz Azzam, Sultan Aziz Ezzam); data tat-twelid: 1985; post tat-twelid: Afganistan; nazzjonalità: Afgana.";

(3) jiżdiedu l-intestatura u l-entrati li ġejjin:

"B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 3

1. Al-Qaeda fis-Subkontinent Indjan (AQIS), (magħruf ukoll bħala Al-Qa'ida fis-Subkontinent Indjan, Qaedat al-Jihad fis-Subkontinent Indjan).

2. Da'esh –Hind Province (Da'esh –Provinċja ta' Hind) (magħruf ukoll bħala Wilayah of Hind (Wilayah ta' Hind), Islamic State's Hind Province (ISHP) (Provinċja ta' Hind tal-Istat Iżlamiku), IS-Wilayat al-Hind, Da'esh –Wilayat al-Hind).".